ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 325

Edizzjoni bil-Malti

Volum 53

9 ta' Diċembru 2010

## Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar** (1) ........ 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

2010/718/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' Ottubru 2010 li timmodifika l-istatus tal-gżira ta' Saint-Barthélemy fir-rigward tal-Unjoni Ewropea** ........ 4

**Prezz: EUR 3**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 1090/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-24 ta' Novembru 2010

## li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbgħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) It-tieni paragrafu tal-Anness VIII tad-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jistipula li l-kundizzjonijiet għall-ġbir ta' sett ta' data B1 (data dwar "Trasport bil-baħar fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip ta' merkanzija, l-oġġetti u r-relazzjoni") għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni fid-dawl tar-riżultati ta' studju bi prova li sar matul perjodu tranżitorju ta' tliet snin, kif stipulat fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE tat-8 ta' Diċembru 1995 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar [3].

(2) Skont ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-esperjenza miksuba fix-xogħol imwettaq skont id-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE ("ir-Rapport tal-Kummissjoni"), il-ġbir ta' informazzjoni dettaljata deher fattibbli u bi prezz raġonevoli għal tagħbija bil-massa jew b'nofs massa. Madankollu d-diffikultà ewlenija ġrat fil-kompilazzjoni ta' data bħal din għal traffiku ta' kontenituri u dak ro-ro. Kien xieraq li tiġi esplorata l-possibiltà li jiġi estiż l-ambitu tad-Direttiva 95/64/KE għal punti oħra ta' informazzjoni elenkati fl-Artikolu 10(2)(a) ta' dik id-Direttiva biss meta tinkiseb aktar esperjenza bil-ġbir tal-varjabbli attwali u meta s-sistemà attwali tkun stabbilita sew. Fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni dwar merkanzija għandom jitqiesu r-reviżjonijiet potenzjali tal-klassifikazzjoni NST/R (Klassifikazzjoni Standard tal-Oġġetti għal Statistiċi tat-Trasport/Riveduta, 1967).

(3) It-tħaddim tas-sistema ta' ġbir attwali huwa stabbilit sew, inkluż l-implimentazzjoni tal-modifikazzjonijiet introdotti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/366/KE tal-4 ta' Marzu 2005 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar u li temenda l-Annessi tagħha [4] u l-estensjoni ġeografika tas-sistema minħabba t-tkabbir tal-Unjoni tal-2004 u l-2007.

(4) Numru kbir mill-Istati Membri li trażmettew data lill-Kummissjoni (Eurostat) fl-ambitu tad-Direttiva 96/64/KE qed jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'mod regolari b'sett ta' data B1 fuq bażi volontarja skont il-klassifikazzjoni NST/R.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1304/2007 tas-7 ta' Novembru 2007 fir-rigward tat-twaqqif ta' NST 2007 bħala l-klassifikazzjoni unika għall-merkanzija ttrasportata b'ċerti mezzi ta' trasport [5] introduċew l-NST 2007 (Klassifikazzjoni Standard tal-Merkanzija għall-Istatistiċi tat-Trasport, 2007) bħala l-unika klassifikazzjoni għall-merkanzija trasportata permezz ta' trasport bil-baħar, bit-triq, dak ferrovjarju u dak minn passaġġi fuq l-ilmijiet interni. Dik il-klassifikazzjoni għandha tapplika mis-sena ta' referenza 2008, u tkopri d-data tal-2008. Il-problemi ewlenin fil-kumpilazzjoni tad-data skont it-tip ta' merkanzija skont il-klassifikazzjoni NST/R, kif imsemmi fir-Rapport tal-Kummissjoni ġew solvuti bl-introduzzjoni ta' NST 2007. Għaldaqstant, fil-biċċa l-kbira, il-ġbir tas-sett ta' data B1 mhu se jimponi l-ebda piż żejjed fuq dawk li jwieġbu.

(1) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2010 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2010

(2) ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29.

(3) ĠU L 320, 30.12.1995, p. 25. Id-Direttiva 95/64/KE ġiet irrevokata mid-Direttiva 2009/42/KE.

(4) ĠU L 123, 17.5.2005, p. 1.

(5) ĠU L 290, 8.11.2007, p. 14.

(6) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq ([1]), ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni ([3]), il-ġbir ta' data skont it-tip ta' merkanzija huwa mandatorju għall-istatistiċi Ewropej dwar it-trasport bit-triq, dak ferrovjarju u dak fuq passaġġi fuq l-ilmijiet interni rispettivament, filwaqt li hu volontarju għat-trasport marittimu. L-istatistiki Ewropej dwar il-mezzi kollha tat-trasport għandhom jinġabru skont il-kunċetti u l-istandards komuni, bl-għan li tinkiseb l-ogħla kumparabbiltà prattikabbli bejn il-mezzi ta' trasport.

(7) L-introduzzjoni fl-2011 tal-obbligazzjoni li l-Kummissjoni (Eurostat) tkun ipprovduta b'sett ta' data B1, tagħti lill-Istati Membri perjodu adegwat li matulu kumpilazzjoni volontarja tkun tista' tintuża għat-testijiet u l-adattazzjonijiet neċessarji.

(8) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/42/KE. Huwa ta' importanza partikulari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.

(9) Id-Direttiva 2009/42/KE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2009/42/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(4), it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' tadotta dawk il-miżuri permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 10a u bil-kundizzjonijiet tal-Artikoli 10b u 10c."

(2) fl-Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' tadotta dawk il-miżuri permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 10a u bil-kundizzjonijiet tal-Artikoli 10b u 10c."

(3) fl-Artikolu 5, it-tielet paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' tadotta dawk il-miżuri permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 10a u bil-kundizzjonijiet tal-Artikoli 10b u 10c."

(4) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3 għandu jitħassar;

(5) għandhom jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin;

"*Artikolu 10a*

**Eżerċitar tad-delega**

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(1) u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn tad-29 ta' Diċembru 2010. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħat delegati mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delegazzjoni tas-setgħa għandha tiġġedded awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokawha skont l-Artikolu 10b.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tagħmel notifika tiegħu simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni bil-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 10b u 10c.

*Artikolu 10b*

**Revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(1) u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet il-proċedura interna għad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi revokata delega tas-setgħat għandha timpenja ruħha biex tgħarraf lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed deċiżjoni aħharija, b'indikazzjoni tad-delega tas-setgħat li tista' tkun suġġetta għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal dan.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 10c*

**Oġġezzjonijiet għal atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data msemmija fih.

([1]) ĠU L 163, 6.6.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1.
([3]) ĠU L 264, 25.9.2006, p. 1.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni bil-ħsieb tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att delegat fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tagħti r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att delegat.";

(6) it-tieni paragrafu tal-Anness VIII huwa mħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-ewwel sena ta' referenza għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun l-2011, li tkopri d-data tal-2011.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-24 ta' Novembru 2010.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

## tad-29 ta' Ottubru 2010

## li timmodifika l-istatus tal-gżira ta' Saint-Barthélemy fir-rigward tal-Unjoni Ewropea

(2010/718/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 355(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jippermetti lill-Kunsill Ewropew, fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru kkonċernat, li jadotta, b'unanimità u wara li jikkonsulta mal-Kummissjoni, deċiżjoni li timmodifika l-istatus fir-rigward tal-Unjoni, ta' pajjiż jew territorju Daniż, Franċiż jew Olandiż imsemmi fl-Artikolu 355(1) u (2).

(2) Permezz ta' ittra mill-President tagħha bid-data tat-30 ta' Ġunju 2010, ir-Repubblika Franċiża (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Franza") talbet lill-Kunsill Ewropew biex jieħu din id-deċiżjoni fir-rigward tal-gżira ta' Saint-Barthélemy li hija msemmija fl-Artikolu 355(1) tat-TFUE. Franza titlob li l-istatus ta' din il-gżira jinbidel minn dak ta' reġjun l-aktar 'il bogħod, kopert mill-Artikolu 349 tat-TFUE, għal dak ta' pajjiż u territorju *extra*-Ewropew, previst fil-Parti IV tat-TFUE.

(3) It-talba ta' Franza tirrifletti r-rieda li ntweriet mir-rappreżentanti eletti tal-gżira ta' Saint-Barthélemy, li hija kollettività *extra*-Ewropea fi ħdan ir-Repubblika Franċiża, irregolata mill-Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni Franċiża u awtonoma, li jinkiseb status fir-rigward tal-Unjoni li jkun aktar adatt għal dak li hija għandha permezz tal-liġi interna, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni fiżikament imbiegħda tagħha mill-metropoli, tal-ekonomija insulari u ċkejkna tagħha, orjentata biss lejn it-turiżmu u ffaċċjata b'diffikultajiet konkreti ta' forniment ta' provvisti li jikkawżaw diffikultajiet fl-applikazzjoni ta' xi wħud mill-istandards tal-Unjoni.

(4) Franza ħadet l-impenn biex tikkonkludi l-ftehimiet meħtieġa dment li fl-okkażjoni ta' tali evoluzzjoni l-interessi tal-Unjoni jiġu ppreżervati. Tali ftehimiet għandhom jikkonċernaw, min-naħa waħda, il-kwistjoni monetarja, dment li Franza għandha l-intenzjoni li tikkonserva kemm l-euro kif ukoll il-munita unika ta' Saint-Barthélemy u li jkun adatt li jkun żgurat li tinżamm l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma essenzjali tal-funzjonament tajjeb tal-Unjoni ekonomika u monetarja. Huma għandhom jikkonċernaw, min-naħa l-oħra, il-fiskalità u jimmiraw li jiggarantixxu li l-mekkaniżmi tad-Direttiva 77/799/KEE tad-19 ta' Diċembru 1977 dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u t-tassazzjoni ta' premiums tal-assigurazzjoni [1] u d-Direttiva 2003/48/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax [2], immirati b'mod partikolari lejn il-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali transkonfinali, ser jiġu applikati wkoll fil-futur fit-territorju ta' Saint-Barthélemy. Iċ-ċittadini ta' Saint-Barthélemy għandhom jibqgħu ċittadini tal-Unjoni u jgawdu l-istess drittijiet u libertajiet fl-Unjoni bħaċ-ċittadini Franċiżi oħrajn, hekk kif iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni għandhom ikomplu jibbenefikaw mill-istess drittijiet u libertajiet f'Saint-Barthélemy bħal ma jagħmlu attwalment.

(5) Għalhekk, il-bidla fl-istatus fir-rigward tal-Unjoni tal-gżira ta' Saint-Barthélemy, bħar-rispons għal talba espressa demokratikament mir-rappreżentanti eletti tagħha, ma għandhiex timmina l-interessi tal-Unjoni u għandha tikkostitwixxi pass konsistenti mal-aċċess tal-gżira għal status awtonomu skont il-liġi nazzjonali,

(1) ĠU L 336, 27.12.1977, p. 15.
(2) ĠU L 157, 26.6.2003, p. 38.

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Jannar 2012, il-gżira ta' Saint-Barthélemy ma għandhiex tibqa' reġjun l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni u għandu jkollha l-istatus ta' pajjiż u territorju *extra*-Ewropew assoċjat previst fil-Parti IV tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

*Artikolu 2*

Konsegwentement, it-TFUE huwa modifikat kif ġej:

1. fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 349, għandhom jitħassru l-kliem "ta' Saint-Barthélemy";

2. fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 355, għandhom jitħassru l-kliem "għal Saint-Barthélemy";

3. fl-Anness II, għandu jiddaħħal inċiż, bejn dak li jikkonċerna lil Saint Pierre u Miquelon u dak li jikkonċerna lill-Aruba, u għandu jaqra kif ġej:

   "— Saint-Barthélemy,".

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Magħmul fi, Brussell, id-29 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

H. VAN ROMPUY

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT